MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 485/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Adonis Brace**
**I.D. 437581(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin Ewro u erbgha u ghoxrin Ewro centezmu (€420.24), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni ma’ servizz ta’ kommunikazzjoni, bl-akkont numru AC 40049341, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:
IZY 1- Prospett ghas-servizz relattiv.
IZY 2- Ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.
Bl-ispejjez u l-imghaxijietlegali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin Ewro u erbgha u ghoxrin Ewro centezmu (€420.24), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------